MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 20/2006

**George u Georgette Mercieca**

**vs**

**Alexander Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li tghid hekk:

“Peress illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur s-somma ta’ disa’ mija tmienja u hamsin lira tnx-il centezmu u hames millezmi (Lm958.12c5m) dovuti ta’ sitt (6) hur kera bil-quddiem u cioe’ mill-ewwel (1) ta’ Dicembru 2005 sal-wiehed u tletin (31) Mejju 2006 u dana a bazi ta’ l-iskrittura privata ta’ lokazzjoni datata dsatax (19) ta’ Novembru 2004, kopja tal-liema qieghda tigi hawn annessa u markaa Dokument A.

Jghid l-istess konvenut ghaliex m’ghandux ihallas lill-attur l-ammont ta’ disa’ mija tmienja u hamsin lira tnax-il centezmu u hames millezmi (Lm958.12c.5m) kera skond kif dovuti u spjegabli hawn fuq.

Bl-ispejjez, komprisi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Jannar 2006 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghalija huwa mharrek minn issa. Bl-imghaxijiet skond il-ligi.”

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat la pprezenta risposta u l-anqas deher fl-udjenza

Sema’ l-provi u ra l-iskrittura ta’ lokazzjoni esibita a fol 4

U billi t-talba attrici tirrizulta ppruvata

It-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-istess talba u konsegwentement jikkundanna lill-konenut ihallas lill-atturi s-somma ta’  LM958.12c5 ammont ta’ sitt xhur kera bejn 01.12.2005 u 31.05.2006 tal-hanut numru 18 Triq il-Vajringa Ghawdex bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-02.01.2006 u bl-imghax mill-1 ta’ Dicembru 2005 sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------